MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Numru 1029/2004

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**versus**

**Norman Galea**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Norman Galea ta' 30 sena iben il-mejtin Francis u Annunziata nee Deguara imwieled il-Pieta' nhar il-15 ta' Settembru 1974 u toqgħod Sardinella Triq ir-Rattan Mellieħa u detentur tal-karta ta' l-identita' 440274 (M)

Akkużat talli:

a) Fit-12 t'Awissu 2004 f'dawn il-Gżejjer u cioe' minn ġewwa garaxx bla numru li jinsab f'Ghibli Flats Triq il-Kannizzata Balzan b'diversi atti magħmulin b'riżoluzzjoni waħda ikkommetta serq ta' arloġġi ta' l-idejn u għodod għad-detriment ta' Maurice Agius' liema serq jeċċedi l-elf lira Maltin (Lm1000) liem serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-lok;

b) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement laqa' għandu jew xrtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħal sabiex ibiegħ jew imexxi dawn l-oġġetti.

ċ) u aktar talli l-imputat kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-QAorti tal-Maġistrati fil-5 ta' Frar 2004.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat 4402 ta' l-1974, il-fedina penali tiegħu, l-istqarrija ta' l-imputat a fol 13, il-ħatra ta' Joe Vella bħala Perit Tekniku, ir-relazzjoni ta' l-istess Perit Tekniku Joseph Vella (fol44), id-dikjarazzjoni tad-difiża li kienet taqbel ma' l-istima mogħtija mill-espert (fol.430) biex isir il-kalkolu tal-valur, il-qbil ta' bejn il-partijiet li n-numru ta' arloġġi kien 88 (fol.40), il-kopja tas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Frar 2004 mill-Maġistrat Dr.Consuelo Scerri Herrera, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (fol.54)

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli difensur.

Ikkonsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn.  Skond ix-xhieda ta' l-Ispettur Victor Aquilina, ċertu Maurice Agius kien irrapporta li nsterqulu xi arloġġi mill-garaxx li jinsab taħt Gibli Flats fi Triq il-Kannizzata Balzan.  Dawn kienu ta' l-għamla Osko, Regent u Casio, xi għodod ta' l-idejn tal-marka Metabo u xi xogħol.  Minn investigazzjonijiet tal-Pulzija irriżulta li ċerta Carmela Vassallo kienet qed tbiegħ

l-arloġġi mis-Central Home mosta. Ċerta Robert Camilleri ammeta mal-Pulizija li kien hu lit a l-arloġġi li kienu sabu fit-tfittxija lill-kunjata biex tbiegħhomlu. Inġabru aktar aloġġi mill-garaxx ta' l-istess Robert Camilleri u dan stqarr li kien xtrahom minn għand Norman Galea għall-prezz ta' Lm420 jew ħames liri kull arloġġ. Norman Galea kien aċċertah li l-arloġġi mhux misruqin.

6. Mir-residenza ta' Norman Galea kienu elevati żewġ arloġġi ta' l-idejn tal-marka Regent.

**L-Istqarrija ta' l-Imputat**

7. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li kien xtara l-arloġġi minn għand ċertu Ismael. Kien xtara xi mija b'kollox, żamm tnejn għalih u l-bqija biegħhom lil Robert Camilleri. Huwa kien ħallas xi Lm300 għall-arloġġi. Ismael kien assigura lill-imputat li ma kinux misruqin. Fil-bidu kien għaddielu minn moħħu li setgħu kienu misruqin għax kienu prezz baxx iżda meta reġa' stqasa lil Ismael darb'oħra dan reġa' assigurah li ma kinux misruqin. Kif kienu ppakkjata l-arloġġi jidhru li kienu jsiwew aktar. Lil Robert Camilleri kien qallu li ma kinux misruqin għax hekk kien qallu min kien tahomlu. Qallu wkoll li jidhru li huma oriġinali iżda minn dan ma kienx ċert. L-arloġġi kienu f'żewġ kaxxi tal-kartun iżda l-arloġġi kienu l-istess li kien biegħ lil Robert Camilleri. Fit-tmiem ta' l-istqarrija l-imputat reġa' qal li kienu assigurah li ma kinux misruqin.

8. L-Ispettur Morgan Azzopardi kkonferma l-identita' ta' l-imputat vis a vis is-sentenza tal-5 ta' Frar 2004.

9. Id-derubat Maurice Agius spjega kif darba waħda kienu serqulu għadd ta' aloġġi u xi għodda u xi ftit taż-żmien wara marret tfajla l-ħanut b'wieħed mill-arloġġi. Huwa għaraf l-arloġġi li kienu esibiti fl-Awla.

10. PC 325 Patrick Bonnici kien bagħat lill-PC 1161 fil-ħanut tad-derubat fejn kien hemm żewġ nisa – Stephanie Bickle u Graziella Casha. Stephanie Bickle kienet qalet li l-arloġġ kien tagħha.

11. Stephanie Bickle ikkonfermat li kien xtrat l-arloġġ minn għand Carmen Vassallo li taħdem fis-Central Home tal-Mosta. Hija marret iċċekknu l-Belt u l-arluġġar qalilha li kien misruq.

12. L-espert ikkalkula li l-arloġġ tan-nisa jiswa Lm20 u l-ieħor kien jiswa Lm12.35 (fol.42).

13. Robert Camilleri xehed li kien xtara l-arloġġi minn għand l-imputat għas-somma ta’ Lm420.

14. Carmela Vassallo kkonfermat li l-Pulzija kienu elevaw xi arloġġi minn għandha. Dawn kien tahomlha Robert Camilleri u qalilha li ma kinux misruqin.

**L-artikoli ta’ l-Avukat Ġenerali**

15. L-Avukat Ġenerali bagħat dawn la-rtikoli:

(a) 18, 261 (c)(e), 267, 269, 279, 280 u 281
(b) 18 u 334
(ċ) 21 tal-Kap 446
(d) 28A-H tal-Kap 9
(e) 533 tal-Kap 9

**Xhieda Difiża**

16. L-imputat spjega li hu kien xtara l-arloġġi minn għand ċertu Ismael li kien begħlu 100 arloġġ għall-prezz ta’ Lm300. L-imputat qal li l-arloġġi ma kinux oriġinali. Huwa kienu staqsa lil Ismael darba, tnejn, tlieta jekk l-arloġġi kinux misruqin iżda dan assigurah li ma kinux misruqin. Huwa kien xtrahom għax prezzhom kien tajjeb. Imbagħad kien biegħhom lil Camilleri għall-prezz ta’ Lm420. Minnhom kien qala’ Lm120. Lil Robert Camilleri kien tah il-flus lura. L-imputat ikkonfram wkoll l-istqarrija li kien għamel lill-Pulizija. Meta kien xtrahom l-imputat kellu l-intenzjoni li jaqla’ xi ħaġa. Għal mistoqsija tal-Qorti jekk kellux dubju serju huwa wieġeb ‘Le.’Huwa kien staqsa jekk l-arloġġi kinux misruqin minħabba li kien ser jeħodhom bi prezz bargain. (fol.71). L-imputat qatt ma kein xtara arloġġi Osko u Regent. (73).

17. Id-difiza tellgħet jixhed lill-Ispettur Victor Aquilina li xehed li kien tressaq Robert Camilleri u ħareġ liberat.

18. Fit-trattazzjoni d-difiża ssottomettiet li l-imputat kien xtara l-arloġġi bħala lot. L-element tax-xjenza li l-arloġġi kienu ġejjin minn xi reat ma kienx ippruvat mill-Prosekuzzjoni. Fl-istqarrija hemm risposta li l-imputat għaddielu minn moħħu li setgħu kienu misruqin iżda mill-istess stqarrija jirriżulta li l-imputat aċċerta ruħu li l-provenjenza ta' l-arloġġi kienet korretta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**L-ewwel sett ta' artikoli 18, 262 (c)(e), 267, 279, 280 u 281**

19. Dawn l-artikoli jirreferu għall-serq aggrvat bl-ammont uu bil-post. Il-Prosekuzzjoni għamlet l-ewwel imputazzjoni għaliex l-imputat kien konness u kien fil-pussess ma' affarijiet li kienu nsterqu mil-fond fi Triq il-Kannizzata, Balzan.

20. M'hemm ebda dubju li l-arloġġi kienu għaddew minn id l-imputat. L-ewwel kwistjoni hi jekk kienx hu li seraqhom mill-garaxx indikat. L-imputat mill-ewwel qal li kien xtrahom minn għand Ismael li jidher li l-imputat kien jafu sew għaliex fl-istqarija jgħid:

'Iltqajt ma' Ismael, waqqafni u qal li għandu xi arloġġ għall-bejgħ.'

21. Lill-Pulizija qatt ma għenhom biex isibu lil dan Ismael. Qalilhom biss li kellu Mazda 323. U dan meta l-imputat mit-tonalita' u mill-kliem ta' l-istqarrija jidher li kien jaf lil din il-persuna sew. L-imputat kellu l-istess arloġġi li d-derubat irrapporta li nsterqulu. Jekk wieħed ma jemminx il-verżjoni ta' l-imputat li ltaqa' ma' dan Ismael, ikun isegwi li l-ewwel imputazzjoni ġiet ippruvata. Waqt li min xtara minn għand l-imputat nstab u għadda proċess, min xtara

minn għand l-imputat baqa' ma nstabx. Għalhekk ma jsegwix l-argument li għaliex min xtara minn għand l-imputat ħareġ liberat mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, allura l-imputat għandu jkun liberat ukoll.

22. Il-Qorti trid tara temminx il-verżjoni li ta l-imputat li huwa kienx tassew xtara minn ħadd ieħor. Il-Qorti qed tagħti l-benefiċċju tad-dubju lill-imputat lid an Ismael jeżisti u dan għaliex semmieh fil-bidunett meta għamel l-istqarrija. Għalhekk, jekk temmen din il-verżjoni, jsegwi li l-imputat mhux ħati li daħal fil-garaxx in kwistjoni u seraq skond l-ewwel imputazzjoni u l-Qorti qed tilliberah minnha.

**It-tieni sett ta' artikoli: 18 u 344. It-Tieni Imputazzjoni**

23. Dawn l-artikoli jirreferu għar-riċetazzjoni. Il-kwistjoni kollha hija jekk l-imputat kellux x-xjenza li dawn kienu oġġetti misruqa u għalhekk hu kien ser jispiċċa bħala riċettatur. Fl-istqarrija l-imputat jgħid tliet darbiet li kien assigurat li l-arloġġi ma kinux misruqa. Huwa jammetti li fil-bidu 'għaddielu minn moħħu' iżda meta staqsa lil 'Ismael' darb'oħra dan kien qallu li mhux misruqin.

24. Il-Prosekuzzjoni nsistiet dwar il-valur. Skond l-espert maħtur mill-Qorti l-valur ta' dawn l-arloġġi kien Lm20 (Ladies' Bracelet) u Lm12.35 (Gents Steel). L-imputat kien xtara mitt arloġġ, tnejen żammhom għalih u d-98 l-oħra biegħhom għall-prezz komplessiv ta' Lm420. Huwa kien xtrahom Lm300. Jiġifieri kien ħallas Lm3 kull arloġġ.

25. L-argument tad-difiża huwa li dawn inxtraw f'daqqa u allura l-prezz kien wieħed tajjeb.

26. Il-Qorti qed tagħti l-benefiċċju tad-dubju dwar il-ħtija tar-riċetazzjoni għaliex jibqa' dak il-'lurking doubt' jekk l-imputat kellux ix-xjenza li l-arloġġi kineu misruqin u għalhekk qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni.

**Is-settijiet (ċ) (d) u (e) ta' l-artikoli: 21 tal-Kap 446, 28A-28H u 533 tal-Kap 9**

27. Dawn primarjament jirreferu għat-tielet imputazzjoni u għall-ħatra ta' esperti. L-imputat kien akkużat li wettaq ir-reat meta kiser il-kundizzjonijiet imposti fuq b'sentenza. Dan ma kienx preċiż għaliex l-imputat kien ikkundannat tmintax-il xahar priġunerija sospiżi għal tliet snin. (Ara fol.22).

28. Għalhekk l-artikolu 21 tal-Kap 446 m'għandu x'jaqsam xejn ma' din l-imputazzjoni.

29. L-artikoli 28A-28H jirreferu għat-tielet imputazzjoni, iżda ġaladarba l-imputat kien liberat mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet isegwi li l-Qorti qed tilliebrah mit-tielet imputazzjoni.

30. L-artikoli 533 tal-Kap 9 mhux ser ikun applikat minħabba li l-imputat qed ikun liberat miż-żewġ imputazzjonijiet.

**Konklużjoni.**

31. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 28A- 28H, 261 (c) (e) , 267, 269, 279, 280, 281, 344 u 533 tal-Kap 9 u l-artikolu 21 tal-Kap 446 qed tiddikjara li l-imputat mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra dedotti kontrih u għalhekk qed tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------